# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal- 20 ta' Novembru 2024**

**Talba nru. 325/2023 IS**

**AWTORITA' TAD-DJAR**

***VERSUS***

**CLIVE EBEJER (I.D. 245778 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2023 (a fol. 3 et seq), l-Awtorita' attriċi talbet l-ammont ta' erbat elef u seba' mija u tmienja u erbgħin Ewro (Eur 4,748.00) rappreżentanti ammont dovut lill-Awtorita' attriċi skond il-ftehim miftiehem bejn l-Awtorita' attriċi u l-konvenut, kif ukoll l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż kollha.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-25 ta' Settembru 2023 fejn l-Awtorita' attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika tal-konvenut (a fol. 28 u 29).

Ra illi l-konvenut ġi debitament innotifikata fil-5 ta' Ottubru 2023 (a fol. 33).

Ra illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Ra illi l-Awtorita' attriċi ippreżentat il-kapitolu fil-konfront tal-konvenut (a fol. 45).

Ra illi saret seduta oħra fit-30 ta' Ottubru 2024 għas-subizzjoni tal-konvenut b'dan illi naqas għal darb'oħra milli jidher għas-seduta (a fol. 46).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Bħala l-ewwel punt, dan it-Tribunal jirrileva illi l-konvenut kien innotifikat iżda ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.

<u>Il-Kontumaċja tal-Konvenut</u>

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-Awtorita' attriċi da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-Awtorita' attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

*"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*

*"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota wkoll illi kien hemm diversi seduti fejn it-Tribunal kien infurmat mill-Awtorita' attriċi illi hemm possibilita' ta' tranżazzjoni b'dan illi pero' meta l-Awtorita' attriċi infurmat lit-Tribunal li tali tranżazzjoni ma hix aktar possibli (a fol. 44), xorta waħda il-konvenut qatt ma ppreżenta ebda risposta, għalkemm kien notifikat u għalkemm it-Tribunal tah żmien sabiex jippreżenta ir-risposta tiegħu.

<u>Il-Kapitolu</u>

Dan it-Tribunal ukoll jirrileva illi il-fatt illi ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut u dikjarat mistqarr ma jfissirx illi tali prova hija biżżejjed sabiex tali Tribunal ikun jista' jsib ħtija tal-konvenut. Fil-fatt, *"mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza in re **James Trapani et v. Vincent Cilia** (28 ta' April 2000), "il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il_prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad is-subizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura.""*[1]

[1] VODAFONE MALTA LIMITED ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LIMITED [REG. NRU. C-10865] VERSUS ASHLEY JOHN GALEA [K.I. NRU. 393006L], 30 ta' Mejju 2022, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Ref.: 308/2021

L-Azzjoni tal-Awtorita' Attriċi

Dan it-Tribunal jibda sabiex jaċċenna illi l-Artikoli 558 sa 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirregolaw bis-sħiħ kif il-partijiet fil-kawża għandhom iressqu l-provi tagħhom.

Dan it-Tribunal jirrileva illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistax ikun injorat mill-Awtorita' attriċi, u liema Artikolu jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" B'dan illi pero' dan it-Tribunal jagħraf ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 559 tal-imsemmi Kodiċi illi jipprovdi illi "*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*" Tali Artikolu kien hekk diskuss mill-Qorti diversement presjeduta fejn il-Qorti diversement presjeduta irriteniet diversi drabi, fosthom fis-sentenza ***Anthony Xerri (K.I. nru. 209398M) ('ir-rikorrent') vs. Claudette Spencer (K.I. nru. 307378M) u Domnic Spencer (K.I. nru. 443400L) ('l-intimati')***[2] illi "*mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib**.*" L-istess qal it-Tribunal diversement presjedut fejn fis-sentenza ***DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO***[3] ikkonkluda illi "*dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l-istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista' toffri jew tressaq.*" B'dan illi tali Artikolu pero' ma jistax jinftiehem illi t-Tribunal irid jidderiġi lill-partijiet xi provi jressqu għaliex tali kompitu huwa biss tal-partijiet tal-kawża għaliex inkella it-Tribunal ikun qed iżomm ma' parti jew oħra inġustament u b'dan illi dan it-Tribunal jista' biss imbagħad iħares lejn tali provi mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta' xi parti jew oħra.

Dan it-Tribunal jirrileva wkoll illi tali konklużjoni qiegħda wkoll issir ai termini tal-Artikolu 9 (1) tal-Att Dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* illi filwaqt illi tali artikolu jħaddan il-prinċipju tal-ġustizzja naturali, pero' huwa ferm importanti illi jżomm f'moħħu "*Illi jsegwi illi filwaqt li l-formaliżmu eċċessiv għandu jiġi evitat f' dawn il-proċeduri ta' natura sommarja, ma jistax ikun dubitat illi l-osservanza tar-regoli tal-proċedura hi meħtieġa biex jiġi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawża u r-regolarità*

[2] 18 ta' Settembru 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 39/2021
[3] 3 ta' Frar 2020, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Ref.: 80/2019

*tagħha.*"[4]

F'dan ir-rigward, l-Awtorita' Attriċi ikkontendiet fl-avviż tat-talba li jinsab a fol. 3 illi hija qed tinterpella lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' erbat elef seba' mija u tmienja u erbgħin Ewro (Eur 4,748.00) rappreżentanti ammont dovut lill-Awtorita' attriċi skond il-ftehim miftiehem bejn l-Awtorita' attriċi u l-konvenut. Ukoll, mal-avviż tat-talba, l-Awtorita' attriċi ippreżentat diversi dokumenti li jinsabu a fol. 4 et seq sabiex issaħħaħ il-bażi tat-talba tagħha. It-Tribunal seta' jara illi din id-dokumentazzjoni prodotta mill-Awtorita' attriċi tikkonsisti fis-segwenti:

1. Il-kuntratt ta' trasferiment datat 21 ta' Lulju 2020, liema kopja tinsab a fol. 4 sa 14, li juri b'mod ċar illi il-konvenut huwa is-sid assolut tal-fond 6, Blokk ittra B, Wicklow Apartments, Triq Oscar Zammit, Imsida. Għaldaqstant, l-Awtorita' attriċi kienet korretta meta intavolat din it-talba kontra l-konvenut biss in konnessjoni mal-fond hawn imsemmi;

2. Il-kudizzjonijiet tal-iskema *Equity Sharing* illi kien applika għaliha l-konvenut u għalhekk seħħ tali kuntratt ta' xiri u wara ta' trasferiment imsemmi hawn fuq, u liema kopja ta' din l-iskema tinsab a fol. 15 sa 22. Dan it-Tribunal jinnota illi din l-iskema tipprovdi illi "*(o) L-applikanti għandhom jħallsu l-pagamenti mensili fuq is-self ... L_Awtorita' tad-Djar għandha tiġi notifikata immedjatament meta l-applikant jonqos milli jħallas xi pagament*" (a fol. 17). Il-kuntratt ta' trasferiment hawn fuq imsemmi ukoll jipprovdi illi "*...dan il-prezz kien miftiehem li jithallas permezz ta' pagamenti mensili*" (a fol. 13). Għaldaqstant, dan it-Tribunal m'għandu ebda dubju fhix jikkonsisti l-ftehim bejn l-Awtorita attriċi u l-konvenut;

3. *Statement of account*, li kopja tiegħu tinsab a fol. 23 u 24, fejn hemm eżattament indikat l-ammont li l-konvenut irid iħallas lill-Awtorita' attriċi kif ukoll id-dati rispettivi u anke l-ammont li diġa' l-konvenut ħallas lill-Awtorita' attriċi flimkien mad-dati rispettivi. Minn dan l-*istatement of account*, it-Tribunal seta' jara ċar illi l-ammont dovut mill-konvenut lill-Awtorita' attriċi huwa eżattament dak li qed jiġi mitlub f'din it-talba mill-Awtorita' attriċi.

Inoltre', it-Tribunal seta' wkoll jara illi l-Awtorita' attriċi ippreżentat affidavit ta' Andrew Xuereb fl-14 ta' Ottubru 2023 li jinsab a fol. 41, u liema affidavit jipprovdi wkoll il-ftehim iffirmat bejn l-Awtorita' attriċi u l-konvenut, liema kopja tal-ftehim tinsab a fol. 42 u 43.

[4] Justin Spagnol [I.D. 562491M] (appellat) Vs Janice Briffa bħala leġittimu rappreżentanta tal-minuri Ruud Buhagiar [I.D. 504772M] (appellanta), 30 Mejju 2017, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), Ref.: 1277/2010

Dan il-ftehim jindika b'mod ċar l-ammont ta' flus imsellfa lill-konvenut u kif ukoll kif kellu jsir il-ħlas mill-konvenut lill-Awtorita' attriċi. Dan il-ftehim kien iffirmat mill-konvenut u persuna oħra b'dan illi pero' wara din id-data, kien hemm il-kuntratt ta' trasferiment hawn fuq imsemmi fejn il-konvenut baqa' responsabbli *in toto* għall-ammont dovut lill-Awtorita' attriċi.

Fid-dawl ta' tali ġurisprudenza u evidenza prodotta mill-Awtorita' attriċi, dan it-Tribunal jikkonkludi li seta' jasal għal konklużjoni fuq bażi ta' probabbilita' illi l-konvenut huwa verament debitur tal-Awtorita' attriċi għall-ammont indikat mill-Awtorita' attriċi fl-avviż tat-talba.

Imgħax

L-Awtorita' attriċi qed titlob ukoll l-imgħax. Fir-rigward tal-imgħax, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni ma hix ta' natura kummerċjali. Għaldaqstant, it-Tribunal iqis illi għandu japplika is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi, u liema artikolu jipprovdi illi "*F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*" S.L. 12.12 jagħti definizzjoni ta´ att ġudizzjarju fejn tipprovdi illi ""*att ġudizzjarju" tfisser kull att jew skrittura preżentata fir-reġistru, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord barra minn Malta, li tista', bis-saħħa ta' xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta, iżda ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titolu VII tat-Tieni Ktieb ufit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi.*" Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi huwa minnu illi liġi sussidjarja trid tkun interpretata fl-ambitu tal-Att ewlieni illi taħtu tkun saret il-liġi sussidjarja, kemm il-Kap. 12 kif ukoll l-Kap. 16 jirregolaw iċ-ċivil, fejn il-Kap. 12 jitkellem fuq il-proċedura u l-Kap. 16 jitkellem fuq is-sustanza, b´dan illi t-tnejn li huma wkoll jitkellmu fuq l-istess prinċipju; l-att ġudizzjarju b´dan illi l-liġi sussidjarja 12.12 tista´ tkun applikata f´termini ta´ definizzjonijiet għall-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ, huwa ċar illi l-konvenut kien notifikat bl-avviż tat-talba, u li għandu jitqies l-att ġudizzjarju, fil-5 ta' Ottubru 2023 (a fol. 33). Għaldaqstant, id-data tal-imgħax għandha tkun mill-5 ta' Ottubru 2023.[5] Fir-rigward tal-persentaġġ, l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu

[5] Vide ***MICHAEL DEBONO LIMITED VS. CARMELO CATANIA*** (13 ta' Jannar 2023, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 725/2022) fejn il-Qorti qieset minn meta jibda jiddekorri l-imgħax

japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

It-Tribunal jinnota wkoll illi l-Awtorita' attriċi ittentat tibgħat ittra uffiċċjali lill-konvenut, liema kopja tal-ittra tinsab a fol. 27, b'dan illi pero' il-konvenut qatt ma kien notifikat b'din l-ittra, u fejn fil-fatt l-Awtorita' attriċi aċċenat għal dan il-fatt fl-avviż tat-talba hi wkoll.

<u>Spejjeż</u>

L-Awtorita' attriċi qed titlob ukoll l-ispejjeż. Dan it-Tribunal innota illi l-Awtorita' attriċi qed titlob spejjeż fir-rigward tal-ittra uffiċċjali mibgħuta lill-konvenut. It-Tribunal innota illi l-kopja tal-ittra uffiċċjali tinsab a fol. 27 b'dan illi l-konvenut huwa obbligat illi jħallas l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra wkoll u dan għaliex din l-ittra intbagħtet lilu għaliex kien qed jonqos milli jżomm mal-ftehim iffirmat mal-Awtorita' attriċi.

L-Awtorita' attriċi ukoll qed titlob spejjeż in konnessjoni mal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontra l-konvenut b'dan illi pero' ma nġiebet ebda prova ta' dan tul is-smiegħ ta' din it-talba. Għaldaqstant, dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas tali spejjeż jekk kemm-il darba l-Awtorita' attriċi turi b'mod ċar lill-konvenut illi dan il-mandat inħareġ fil-konfront tiegħu u dan għaliex dan it-Tribunal iddeċieda li fuq bażi ta' probabbilita', il-konvenut huwa verament debitur tal-Awtorita' attriċi.

Fir-rigward tal-ispejjeż in konnessjoni ma' din it-talba ikunu deċiżi fid-***Decide***.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-Awtorita' attriċi għall-ammont ta' erbat elef u seba' mija u tmienja u erbgħin Ewro (Eur 4,748.00) rappreżentanti ammont dovut lill-Awtorita' attriċi skond il-ftehim miftiehem bejn l-Awtorita' attriċi u l-konvenut, kif ukoll l-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena li beda jiddekorri mill-5 ta' Ottubru 2023 sad-data tal-ħlas effettiv kif ukoll l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċċjali u dawk tal-mandat ta' sekwestru jekk kemm-il darba l-Awtorita attriċi tipprova b'mod ċar lill-konvenut illi tali spejjeż tal-mandat saru verament fil-konfront tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas dan l-ammont hawnhekk indikat lill-Awtorita' attriċi.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur